Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 1020/2010AE

**Marie Zammit**

**vs**

**Anthony Zammit Tabona u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2012 issejhu fil-kawza Lilian mart Nini Miceli Farrugia, Rose Marie mart Louis Glavina rapprezentata mill-Professur Ian Refalo peress li assenti minn Malta[1], Edwina marty Henry D'Andria, Reverendu Fr Neville Atkinson, Professur Ian Refalo nominat kuratur ghall-wirt ta' Charles Zammit Tabona[2], Mark Cilia La Corete, Paul Cilia La Corte, Rodney Zammit Tabona, Anthony Zammit Tabona, Elaine mart Charles Busuttil, It-tabib Dr Victor Debono, Marie Louise Mifsud[3], Miguel Zammit Tabona, Andrew Zammit Tabona, Jennifer Soler[4], Josephine Grima, Vincenzo sive Enzo Grima, Justine Grima, Janica Pace, Mirielle Bonnici, Anthony u Marisa konjugi Busuttil, Claude Grima, Claire Grima, Anthony Busutill bhala prokuratur ta' Aymeric Lair u Claire Grima bhala prokuratirci ta' Jeannine Bonavia bhala werriet ata' Maria Carmela sive Lina Zammit Tabona li wirtet lil zewgha Joseph Zammit Tabona**

Il-Gimgha, 23 ta' Ottubru, 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-8 ta' Ottubru 2010, l-attrici ppremettiet u talbet:-

*A. B'testment tal-11 ta' Frar 1993 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin (Dok. A), Dorothy Zammit Tabona hatret lill-konvenut Anthony Zammit Tabona werriet wahdieni taghha, u b'testament addizzjonali tat-23 ta' Novembru 2000 fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza (Dok. B) halliet lill-attrici b'titolu ta' legat l-appartament numru hamsa (5), blokk numru sitta u ghoxrin (26), Macem Court, Triq Sir George Borg, tas-Sliema;*

*B. Dan il-fond kien gie f'idejn it-testatrici hekk: B'kuntratt tal-25 ta' Marzu 1973 fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona (Dok.E) it-testatrici u ohtha Agnes Zammit Tabona kienu xtraw dan l-appartament "in the proportion of one half (1/2) undivided part each";*

*C. Fit-testment taghha tad-9 ta' Frar 1993 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin (dok. F) Agnes Zammit Tabona halliet lil ohtha Dorothy (de cuius) "in full and absolute ownership her share, that is one undivided fourth share (1/4)" tal-istess appartament;*

---

[1] Ara nota ta' Professur Ian Refalo (2.12.2014).
[2] Ara nota ta' Professur Ian Refalo (2.12.2014).
[3] Ara nota ta' Marie Louise Mifsud (fol. 175).
[4] Ara nota ta' Jennifer Soler (fol. 170).

*D. Jidher car illi l-intenzjoni ta' Agnes Zammit Tabona kienet illi lil ohtha thallilha s-sehem li kellha mill-appartament – "her share" – li, minkejja l-indikazzjoni zbaljata fit-testment, kienet in-nofs (1/2) u mhux il-kwart (1/4). Kif jidher mir-ricerki relative (dok. I), Agnes Zammit Tabona ma kienet iddisponiet minn ebda parti mis-sehem taghha mill-appartament, u ghalhekk dak is-sehem baqa' dejjem in-nofs (1/2). GHandu jinghata effett lir-rieda vera tat-testatrici skond l-art. 694(2) tal-Kodici Civili;*

*E. Agnes Zammit Tabona mietet fid-19 ta' Frar 1998 (dok. J) u ghalhekk Dorothy Zammit Tabona saret proprjetarja wahedha tal-appartament kollu: kwantu ghan-nofs (1/2) bis-sahha tal-kuntratt tal-25 ta' Marzu 1973 fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona (dok. E) u kwantu ghan-nofs (1/2) l-iehor bis-sahha tal-legat lilha mholli minn ohtha Agnes fit-testment tad-9 ta' Frar 1993 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin (dok. F);*

*F. Dorothy Zammit Tabona mietet fit-13 ta' Mejju 2009 (dok. K). B'ittra ufficjali tas-26 ta' Awissu 2010 l-attrici sejhet lill-konvenut bhala werriet sabiex jaghtiha l-pussess tal-appartament skond l-art. 726 tal-Kodici Civili izda l-konvenut irrifjuta ghax irid japprofitta ruhu mill-izball ovvju fl-indikazzjoni tas-sehem fit-testment ta' Agnes Zammit Tabona billi jghid illi Dorothy Zammit Tabona ghandha biss tliet kwarti (3/4) mill-appartament u mhux l-intier;*

*G. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghall-kunsinna tal-legat skond l-art. 726 tal-Kodici Civili.*

Ghaldaqstant l-attrici talbet lill-qorti sabiex:-

*1. tghid illi s-sehem mill-appartament numru hamsa (5), blokk numru sitta u ghoxrin (26), Macem Court, Triq Sir George Borg, tas-Sliema, li kellha Agnes Zammit Tabona filwaqt kemm ta' mewtha fid-19 ta' Frar 1998 u kif ukoll meta ghamlet it-testment tad-9 ta' Frar 1993 kien in-nofs (1/2) indiviz;*

*2. tghid ghalhekk illi s-sehem tal-appartament imholli b'legat minn Agnes Zammit Tabona lil ohtha Dorothy kien in-nofs (1/2) indiviz;*

*3. tghid ghalhekk illi filwaqt kemm ta' mewtha fit-13 ta' Mejju 2009 u kemm meta ghamlet it-testment tat-23 ta' Novembru 2000 Dorothy Zammit Tabona, de cuius, kienet proprjetarja tla-intier tal-appartament;*

*4. tikkundanna lill-konvenut bhala werriet ta' Dorothy Zammit Tabona jhallas lill-attrici l-legat lilha mholli mill-istess Dorothy Zammit Tabona fit-testment tat-23 ta' Novembru 2000 billi jaghtiha l-pussess materjali u legali tal-appartament numru hamsa (5), blokk numru sitta u ghoxrin (26), Macem Court, Triq Sir George Borg, tas-Sliema permezz ta' att pubbliku; u*

*5. tahtar nutar biex jircievi u jippubblika l-att relative ta' immissjoni fil-pussess u kuraturi biex jidhru f'isem il-konvenut fil-kaz li dan jonqos li jersaq ghall-pubblikazzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-8 ta' Novembru 2010, il-konvenut wiegeb:-

*1) Illi l-gudizzju m'huwiex integru stante illi l-attrici qed titlob interpretazzjoni ta' disposizzjoni testamentarja li finalment twassal sabiex tbiddel il-posizzjoni legali tal-persuni nominati bhala eredi fl-istess testament, liema persuni ma gewx imharrka fil-kawza odjern u konsegwentement l-azzjoni attrici hija monka u ghandha tigi dikjarata nulla u ineffettiva;*

*2) Illi minghajr pregudizju ghal dak suespost, id-dikjarazzjoni mitluba mill-attrici permezz tat-tieni talba taghha ma hijiex permissibbli in kwantu titlob interpretazzjoni ta' disposizzjoni testamentarja li tikkontjeni kliem li huma cari u inekwivoci u ghalhekk m'huwiex permess li l-intenzjoni vera tat-testatrici tigi sostitwita bi kwalunkwe interpretazzjoni ohra;*

*3) Illi l-legat mholli minn Dorothy Zammit Tabona versu l-attrici a tenur tat-testment addizjonali taghha tat-23 ta' Novembru tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza huwa null stante illi l-appartament oggett ta' dan il-legat ma kienx jappartjeni fl-intier tieghu lit-testatrici u ghalhekk tali legat jikkostitwixxi legato di cosa altrui li setgha jkun validu biss kieku t-testatrici ziedet fl-artikolu relattiv ghal dan il-legat dikjarazzjoni dwar il-konsapevolezza taghha li kienet qed taghmel laxxitu ta' hwejjeg haddiehor, liema dikjarazzjoni fil-kaz odjern ma tinkonkorrix;*

*4) Illi fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, it-terminu preskritt mil-ligi sabiex jigi reklamat il-legat ghal kwart indiviz ta' l-appartament aktar 'il fuq deskritt issa skada u dan stante' illi l-legatarja Dorothy Zammit Tabona ma ressqert l-ebda talba ghall-immissjoni fil-pussess fir-rigward ta' dan is-sehem, haga li issa qed tittenta taghmel l-attrici meta l-azzjoni relattiva hija ghalhekk preskritta;*

*5) Illi r-raba' talba attrici hija legalment impossibbli u ma tistax tigi akkolta stante illi l-attrici qed titlob it-titolu intier u l-pussess eskluziv ta' l-appartment hawn deskritt meta kif hawn spjegat id-decuius kellha biss tlett kwarti indivizi ta' dan l-appartament u r-rimanenti sehem jispetta lil terzi, eredi ta' Agnes Zammit Tabona u konsegwentement anke l-hames talba attrici hija hekk impossibbli li tigi akkolta;*

*6) Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

1. L-oggett meritu ta' din il-kawza hu l-appartament numru 5, Blokk 26, Macem Court, Triq San Gorg Borg, Sliema li b'kuntratt tal-21 ta' Marzu 1973 inxtara mill-ahwa Agnes Zammit Tabona u Doris Zammit Tabona.

   Il-kawza titratta dwar l-interpretazzjoni ta' disposizzjoni fit-testment ta' Agnes Zammit Tabona li ghamlet fid-9 ta' Frar 1993 fl-atti tan-nutar Dr Maurice Gambin. Agnes Zammit Tabona mietet fid-19 ta' Frar 1998 (fol. 85). Id-disposizzjoni taqra:-

   *"Article 6*

   *The testatrix bequeaths unto her sister Doris Zammit Tabona, by title of Legacy in full and absolute ownership **her share, that is, one undidvided fourth share (1/4)** of Flat number five (5), Macem Court, Point Street, Sliema….."* (enfazi mizjuda).

   Doris Zammit Tabona ghamlet testment fil-11 ta' Frar 1993 fl-atti tan-Nutar Dr Maurice Gambin, u halliet lill-konvenut Anthony Zammit Tabona bhala uniku werriet taghha (fol. 6). Sussegwentement b'testment iehor tat-23 ta' Novembru 2000 fl-atti tal-istess nutar (fol. 8), halliet b'legat lill-attrici l-appartament numru 5, Blokk 26, Macem Court, Triq San Gorg Borg, Sliema

flimkien mal-washroom. Doris Zammit Tabona mietet fit-13 ta' Mejju 2009 (fol. 86).

2. Il-vertenza bejn il-partijiet hi jekk il-legat imholli minn Agnes Zammit Tabona lil Doris Zammit Tabona bit-testment tad-9 ta' Frar 1993 huwiex tas-sehem kollu li kellha mill-fond jew ta' kwart (1/4) minnu biss.

3. Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2014 giet irtirata l-ewwel eccezzjoni (fol. 218).

4. B'riferenza ghar-raba' eccezzjoni, it-talba tal-attrici m'ghandha x'taqsam xejn mat-talba li setghet taghmel Dorothy Zammit Tabona dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legat li halliet Agnes Zammit Tabona. L-attrici trid li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat li hallitilha Dorothy Zammit Tabona u m'ghandha x'taqsam xejn mal-wirt ta' Agnes Zammit Tabona. F'kull kaz: *"la proprieta' libera del legato appartiene al legatario dal di della morte del testatore, egli e' parificato ai creditori della eredita'"* (**Nobile Elena Mallia Tabone vs Maria Teresa Segon ed altri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1911 – Vol.XXI.ii.324). Dorothy Zammit Tabona ma kellhiex bzonn titlob il-pussess tal-legat minghand il-werrieta ta' ohtha gialadarba diga' kellha l-pussess materjali tal-fond peress li kien ir-residenza taghha. Tant ma kienx hemm htiega li ssir l-immissjoni fil-pussess permezz ta' att pubbliku li fir-realta' dan baqa' qatt ma sar ukoll fir-rigward ta' dak is-sehem li m'hemmx kontestazzjoni dwaru[5].

   Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti u l-imsejhin fil-kawza saret riferenza ghal fatt li fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Agnes Zammit Tabona issemma biss kwart indiviz (1/4) bhala s-sehem li b'legat ghadda ghand Dorothy Zammit Tabona. Dikjarazzjoni *causa mortis* issir ghal finijiet ta' hlas ta' taxxa. Li hu rilevanti hu li jigi determinat x'kienet l-intenzjoni tat-testatrici Agnes Zammit Tabona, fil-mument li ghamlet it-testment. Tant Dorothy Zammit Tabona kienet taf li ohtha hallitilha s-sehem intjier li kellha fl-appartament, li fit-23 ta' Novembru 2000 ghamlet it-tieni testment taghha fejn halliet b'legat l-appartament in kwistjoni.

5. Fir-rigward ta' interpretazzjoni ta' testmenti, wiehed ghandu jhares lejn x'kienet il-volonta tat-testatur. Madankollu meta l-kliem fit-testment hu car m'ghandux ikun li dak il-kliem jinghata interpretazzjoni ta' x'setghet kienet il-volonta' tat-testatrici. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawza **Rose Alden**

[5] L-immissjoni fil-pussess m'hemmx ghalfejn issir b'att pubbliku. Tant hu hekk li l-Artikolu 726(2) tal-Kodici Civili jipprovdi li *"Fil-kaz ta' beni immobbli l-legatarju **jista' jitlob** li l-ghoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku"* (enfazi mizjuda).

**et vs Raphael Pace** deciza fis-27 ta’ Gunju 2003 minn din il-qorti[6] fejn inghad: *'Dan premess, hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. "Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino' -"***Carmelina Mifsud et -vs- Matilde Pullicino et***". 13 ta' Gunju 1888 (***Vol. XI pag.633***). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "***Nutar Albert E. Micallef et -vs- Marietta Tonna***", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "***Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia***", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957.'*.

Fis-sentenza **Giuseppe Axiak vs Antonio Axiak et** deciza fis-26 ta’ Frar 1945 (Volum XXXII.i.178) tas-26 ta’ Frar 1945, gie osservat :- *'F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-dispozizzjoni hija cara, ghandha tircievi l-ezekuzzjoni taghha bhala ligi li t-testatur ried jimponi, u mhux permess li ssir interpretazzjoni tal-volonta tat-testatur hlief meta l-kliem minnu uzat ikunu certament kuntrarju ghall-volonta' tieghu. L-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-dispozizzjoni ta' l-istess testment, konfrontati anki mad-dispozizzjoni ta' testmenti ohra tieghu, precedenti jew sussegwenti, u mhux minn materja estranea ghat-testment. U hemm bzonn li jkun hemm motivi tajba biex wiehed jirritjeni li l-kliem uzati mit-testatur kienu ntizi minnu f'sens divers mis-sens taghhom naturali.'*.

6. Fil-kaz in ezami fid-disposizzjoni testamentarja jinghad: *"her share, that is, one undivided fourth share (1/4)……."*. Fir-realta’ s-sehem tat-testatrici kien ta’ **nofs indiviz (1/2)**. Ghalhekk l-attrici ghandha ragun li hemm kontradizzjoni bejn ***"her share"*** u ***"one undivided fourth share (1/4)"***. Fil-fehma tal-qorti l-kliem *"her share"* juru li l-intenzjoni tat-testatrici kienet li thalli lill-ohtha s-sehem li kellha fil-fond. Kieku t-testatrici riedet thalli lil Dorothy sehem biss mis-sehem li kellha fl-appartament, ma kinitx tghid li qeghda thalli b’legat ***"in full and absolute ownership <u>her share</u>"***. Inoltre, l-kliem ***"that is"*** ikomplu jsahhu l-fehma tal-qorti. Jidher li fil-mument tat-testment, it-testatrici kienet taht l-impressjoni li s-sehem taghha fil-fond kien ta’ kwart (1/4) tant hu hekk li fid-disposizzjoni jinghad: *"her share, **<u>that is</u>**, one undivided fourth share (1/4) of ….."*. Il-kliem ***'that is'*** jikkwalifika s-sehem li t-testatrici kellha fil-proprjeta meta fir-realta’ kellha nofs (1/2).

Irrizulta wkoll li Dorothy u Agnes ahwa Zammit Tabona kienu jghixu flimkien. Wara li xtraw l-appartament oggett tal-kawza marru jghixu fih. F’dan ir-rigward Anthony Zammit Tabona xehed:

---

[6] Imhallef P. Sciberras.

*"Being unmarried my Aunts Agnes and Doris always lived together and did so also when they moved to the flat in Sliema and up till my aunt Agnes passed away in 1998"* (fol. 223).

Wiehed ghalhekk jifhem iktar u iktar li l-volonta' tat-testatrici kienet li ohtha Dorothy tircievi b'legat sehemha kollu mill-fond. Dan apparti li kif fl-istess disposizzjoni testamentarja halliet lill-ohtha Dorothy b'legat l-uzufrutt fuq somma ta' Lm15,000, kieku l-intenzjoni taghha kienet li thallilha biss sehem minn sehemha, kienet ser thallilha l-kumplament b'uzufrutt sabiex tkun tista' tkompli tghix fil-fond minghajr periklu li jkun hemm indhil minn xi hadd mid-diversi werrieta li jissemmew fit-testment [7].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tikkonferma li Agnes Zammit Tabona kienet sid ta' nofs indiviz tal-appartament numru hamsa (5), blokk numru sitta u ghoxrin (26), Macem Court, Triq Sir George Borg, Sliema.**
2. **Tikkonferma li permezz tat-testment li ghamlet fid-9 ta' Frar 1993 fl-atti tan-nutar Dr Maurice Gambin, il-legat imholli minn Agnes Zammit Tabona lil Dorothy Zammit Tabona kien is-sehem kollu li t-testatrici kellha fl-imsemmi fond u cioe' n-nofs (1/2) indiviz mill-imsemmi fond.**
3. **Tikkonferma li Dorothy Zammit Tabona kienet sid tal-appartament numru hamsa (5), blokk numru sitta u ghoxrin (26), Macem Court, Triq Sir George Borg, Sliema.**
4. **Tikkundanna lill-konvenut Anthony Zammit Tabona sabiex jimmetti lill-attrici fil-pussess tal-legat imholli minn Dorothy Zammit Tabona bit-testment li ghamlet fit-23 ta' Novembru 2000 pubblikat min-nutar Dr Maurice Gambin.**
5. **Tinnomina lin-nutar Dr John Gambin sabiex jippubblika l-att ta' immissjoni fil-pussess u lil Dr Maxilene Pace bhala kuratrici biex tidher ghal min jibqa' kontumaci. Tordna li l-pubblikazzjoni ssir il-Gimgha, 11 ta' Dicembru 2015 fil-11.00 ta' filghodu fil-bini tal-qorti.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti u l-imsejhin fil-kawza**.

Anthony Ellul.

[7] B'kollox halliet erbatax-il werriet.